7 ta' Marzu, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Azzopardi et. *versus* Carmelo Spiteri et.**

## Elevazzjoni — Annimali — Għodda tal-Biedja — Makni — Arti — Art. 305 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Il-bhejjem u l-għodod meħtieġa għall-biedja ma humiex suġġetti għall-qbid; u dan il-benefiċċju huwa assolut, u ma hux suġġett għal xi kondizzjoni jew limitazzjoni.*

*Huma wkoll eżenti mill-elevazzjoni l-makni u l-għodod meħtieġa għall-eżerċizzju ta' l-arti tad-debitur.*

*Il-kelma "arti", użata fil-liġi, ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejħu "belle arti", imma anki l-arti mekkaniċi u industrjali; u għalhekk huwa protett b'dik id-dispożizzjoni tant l-"artista" kemm l-"artiġjan".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa; wara li ppremettew illi in eżekuzzjoni tal-mandat maħruġ minn dina l-Qorti fit-12 ta' Lulju 1950 (dok. A), fuq talba tal-konvenuti kontra l-attriċi Caterina Spiteri, ġew elevati sitt barrin (no. 2 tar-riferta) li jappartjenu esklużivament lill-atturi aħwa Azzopardi, pony aħmar (no. 3) u pompa ta' l-ilma tal-mutur u l-aċċessorji tagħha (no. 1), li barra milli huma komuni u ndiviżi bejn l-atturi, m'humiex suġġetti għal qbid, peress li huma meħtieġa għall-agrikoltura; u barra dana, il-pompa bl-aċċessorji tagħha hija immobili fiha nfisha; talbu li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi għall-finijiet kollha tal-liġi. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'mandat ta' qbid maħruġ minn dina l-Qorti fit-12 ta' Lulju 1950, fuq talba tal-konvenuti kontra l-attriċi Caterina Spiteri, ġew maqbuda (1) pompa ta' l-ilma li taħdem bil-mutur, bl-aċċessorji tagħha, jiġifieri tank, pipes, eċċ., (2) sitt barrin, u (3) pony aħmar. L-atturi jippretendu li s-sitt barrin huma tagħhom esklużivament, u l-pompa u l-pony huma proprjetà komuni u ndiviża bejn l-atturi u l-attriċi; u barra milli għalhekk, m'humiex suġġetti għal qbid għaliex huma inservjenti għall-agrikoltura, u l-pompa hija wkoll immobili fiha nfisha;

Ikkunsidrat;

Illi relativament għas-sitt barrin, ġie soddisfaċentement pruvat illi l-istess huma ta' l-atturi Azzopardi, billi kienu huma li xtrawhom u xtrawlhom bi flushom il-ġwież biex jisemmnuhom u jbigħuhom akkont tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ma ġiebu ebda prova biex juru li l-pony aħmar u l-pompa fuq imsemmija huma proprjetà tagħhom esklużiva........... L-attriċi hija mara ta' età avanzata u ma tiflaħx taħdem; hija għandha għalqa bi qbiela, li jħallsuhielha l-atturi, u dawn jaħdmu l-istess għalqa wkoll għaliha. Ġie ppruvat li l-pony u l-pompa, li ġà ssemmew, iservu għall-koltivazzjoni ta' dina l-għalqa;

Illi skond l-art. 305 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, *ma humiex suġġetti għal qbid*, fost ħwejjeġ oħra, "il-bhejjem u l-*għodod meħtieġa għall-biedja*. Dina d-dispożizzjoni hija ntiża biex *jiġu sottratti mill-elevazzjoni dawk il-ħwejjeġ li jservu bħala mezz dirett* u immedjat għas-sussistenza tad-debitur; u dan il-benefiċċju huwa assolut, u m'huwiex suġġett għal xi kondizzjoni jew limitazzjoni (Kollez. Vol. III, 87; VI, 694). Fit-termini ta' l-istess artikolu, taħt l-ittra (3), huwa inkluż ċertament il-pony aħmar fuq imsemmi. Infatti, taħt dik iddispożizzjoni huma eżenti mill-elevazzjoni l-annimali kollha meħtieġa għall-biedja (Kollez. Vol. X, 546); u ġie pruvat li dak il-pony jservi għall-ħrit tal-għalqa fuq imsemmija u għat-trasport tal-biegħa. L-istess ħaġa għandha tingħad relativament għall-pompa bl-aċċessorji tagħha. Infatti dik il-pompa, kif ġie ppruvat, isservi għat-tisqija ta' l-istess għalqa, u għalhekk hija nservjenti għall-biedja. Jingħad ukoll illi l-istess pompa hija eżenti mill-elevazzjoni anki taħt l-istess dispożizzjoni taħt l-ittra (d), fejn jingħad li huma hekk eżenti l-makni u l-għodod meħtieġa.......... għall-eżerċizzju ta'.......... l-arti tad-debitur";

U tabilħaqq, "il vocabolo arte, adoperato nel detto articolo, non si riferisce soltanto alle arti liberali ed alle belle arti, ma a tutte le arti, anche industriali e meccaniche, comprendendo il detto vocabolo nel suo senso anche i mestieri; dal quale procede quello di 'artista' a chi è addetto ad opere di ingegno, e l'altro di 'artigiano' a chi è addetto a lavori meccanici e manuali; giacchè lo spirito della legge è quello di non privare il debitore dei mezzi di sussistenza per sè e per i suoi figli" (Kollez. Vol. X, 546);

Illi taħt dan l-aspett, ukoll jekk il-pony u l-pompa huma esklużivament *tad-debitriċi*, l-attriċi Spiteri, dawn ma setgħux jiġu elevati, għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba ġie konkluż illi l-pony u l-pompa, bl-aċċessorji tagħha, m'humiex suġġetti għal qbid, għar-raġuni fuq imsemmija, m'huwiex il-każ li jiġu eżaminati r-raġunijiet l-oħra *prospettati* u sottomessi mill-atturi flimkien b'sostenn tal-pretensjoni tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi konsegwentement it-talba ta' l-atturi tirriżulta ġustifikata, għaliex is-sitt barrin huma proprjetà ta' l-atturi aħwa Azzopardi, u l-pony u l-pompa ġà msemmija huma nservjenti għall-agrikoltura fil-għalqa posseduta mill-attriċi, u li jservi għall-għajxien tagħha;

Illi d-debitriċi hija l-attriċi Caterina Spiteri;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-atturi; imma tordni li l-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi Caterina Spiteri.

---